**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes u Superjuri Reliġjużi

# IL-MAĦFRA GĦAD-DNUB TAL-ABORT

Fl-Ittra Appostolika *Misericordia et Misera* (n.12), Papa Franġisku estenda lis-saċerdoti kollha l-fakultà li jaħfru lil dawk li wettqu d-dnub tal-abort u li minħabba f'hekk waqgħu fl-iskomunika *latae sententiae.* Hu spjega li l-konċessjoni li kien ta għaż-żmien tal-Ġublew tas-Sena tal-Ħniena kien qed jestendiha biex tkompli wara l-Ġublew.

Papa Franġisku enfasizza b'qawwa li l-abort hu dnub gravi għax jeqred ħajja innoċenti. Bl-istess qawwa enfasizza wkoll li m'hemm ebda dnub li l-ħniena ta' Alla ma tistax taħfer meta ssib qalb niedma li titlob ir-rikonċiljazzjoni mal-Missier.

Bid-deċiżjoni ta' Papa Franġisku, minn issa 'l quddiem mhux se jkun hemm bżonn li saċerdot jikkuntattja lill-Ordinarju tad-djoċesi f'każijiet ta' abort. Hi responsabbiltà tas-saċerdot li jkun gwida, appoġġ u għajnuna lill-penitenti li jitolbu maħfra għal dan id-dnub gravi, jagħtihom penitenza xierqa, u jakkumpanjahom fil-mixja ta' din ir-rikonċiljazzjoni speċjali tagħhom ma' Alla, għani fil-ħniena.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 23 ta' Novembru 2016.

**Lawrence Gatt**
Kanċillier

**Joe Galea Curmi**
Vigarju Ġenerali